2 ta' April, 1948.
Imħallef :
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Michele Galea *versus* Mons. Kan. Kap. Prof. Carmelo Bonnici ne. (*)

## Promessa ta' Permuta — Legat — Obligazzjoni Trasmissibili fl-Eredi.

*Il-promessa ta' permuta tobliga lill-promittenti b'mod li dan huwa obligat jippresta in forma speċifika dak li huwa ippromretta, jew, skond il-każ, jirriżarċixxi d-danni.*

*Dan l-obligu huwa trasmissibili fl-eredi tal-promittenti, b'mod illi s-suċċessuri tiegħu huma obligati jeżegwixxu dik il-permuta li kienet konċenuta mill-awtur tagħhom.*

*Jekk però l-promittent imut qabel ma jkun eżegwixxa dik il-promessa, u meta t-terminu tal-validità tagħha jkun għadu miexi, u l-oġġett tal-permuta jifforma l-oġġett ta' legat li dak il-promittent kien ħalla b'testment qabel ma għamel il-konvenzjoni tal-permuta, il-legatarju għandu dritt għall-konsegwiment tal-legat, avvolja l-awtur tiegħu kien ikkuntratta l-ftehim ta' dik il-permuta. Għax jilwaqt illi d-dritt tal-legatarju għall-konsegwiment tal-legat għadda fuqu mal-mewt tat-testatur, id-dritt tal-promittent l-ieħor li kkuntratta l-ftehim tal-permuta mal-promittent li miet kien għadu fl-isfera ta' sempliċi proġett, u kien kontemplazzjoni ta' operazzjoni meta miet dak il-promittent. Salvi d-drittijiet kollha li dak il-promittent l-ieħor jista' jkollu kontra l-eredità tal-promittent li miet u ħalla dak il-legat, nascenti dawn id-drittijiet mill-konvenzjoni li ma setgħetx isseħħ minħabba li ġiet disturbata b'dak il-legat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, peress li bi skrittura tas-17 ta' Mejju 1947 hu pprometta u obliga ruħu li jassenja b'titolu ta' bdil lis-Saċerdot Don Giuseppe Camilleri, il-lum mejjet, l-utili dominju għaż-żmien li fadal ta' ċirka 86 sena taż-żewġt idjar li jinsabu l-Ħamrun, St. Joseph Street, numri 684 u 685, soġġetti flimkien għal £2 ċens fissena, bil-valur ta' £3400, u bħala kontrakkambju s-Saċerdot Don Giuseppe Camilleri ippromretta u obliga ruħu li jassenja lill-istess ir-razzett bir-raba' miegħu kif deskritt fl-istess skrittura, li jinsab Ħal Luqa, Valletta Road, numru 1, bil-valur ta' £1700 u li jħallsu l-bilanċ bi flus, u fil-fatt is-Saċerdot Don

(*) Ceduta fl-Appell, 25. 2. 1949.

Giuseppe Camilleri gà ħallas £300 akkont tal-bilanċ; u peress li hu, b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 1947, interpella inutilment lill-konvenut, ċjoè biex jaddivjeni għall-eżekuzzjoni tal-promessa fuq imsemmija; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mehud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut nomine, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat jaddivjeni għall-publikazzjoni tal-kuntratt tal-bdil tal-fondi fuq imsemmija fit-termini ta' l-iskrittura tas-17 ta' Mejju 1947, billi jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att opportun fil-ġurnata, il-ħin u lok li jiġu destinati minn din il-Qorti, u nominati kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenut nomine;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża, magħmula fil-15 ta' Novembru 1947, jidher li l-attur qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni tal-promessa ta' permuta li l-lum mejjet Saċerdot Don Giuseppe Camilleri Xuereb kien ikkuntratta miegħu bl-iskrittura tas-17 ta' Mejju 1947 (fol. 5 tal-proċess), u li l-istess kellha tibqa' sseħħ għal sitt xhur mill-lum tal-konvenzjoni. Jingħad ukoll—il-għaliex jista' jkollu valur fil-kawża—illi qabel ma għalaq iż-żmien ta' dik il-promessa ta' permuta, is-Saċerdot Don Giuseppe Camilleri Xuereb miet, u meta nfetaħ it-testment sigriet tiegħu, li kien għamel fis-27 ta' Frar 1932, u ġie publikat fl-attijiet tan-Nutar Dr. John Tabone Adami fit-8 ta' Awissu 1947, instab li fl-art. 7 ta' l-istess tavoli testamentarji fuq imsemmija kien iddispona minn razzett il-Marsa, salita ta' Hal Luqa, u mill-lok ta' dju u ħanut f'Bormla, Strada Porta Burmola, numri 16 u 17, u li l-ewwel wieħed mill-fondi fuq indikati kien jifforma wkoll oġġett tal-promessa permuta li fuqha qiegħda mqanqla l-kwistjoni tal-lum. L-istess decujus kien fl-artikolu fuq imsemmi tat-testment tiegħu ddispona b'dan il-kliem testwali :— "Lascia in titolo di legato, e per il suo usufrutto durante la vita di Luigi Xuereb e Giovanni Xerri, i seguenti immobili, cioè Luigi Xuereb ne avrà l'usufrutto vita durante sua, come pure di sua moglie Marianna nata Camilleri (sic), del ricetto e luogo di case e bottega di Cospicua, menzionate nei paragrafi A e B rispettivamente, et cetera".

Ma hemmx lanqas kwistjoni li l-legatarju Luigi Xuereb miet qabel id-decujus, mentri Marianna armla ta' Luigi Xuereb, għadha ħajja, u fil-fatt ġiet imsejħa fil-kawża kif ġie mitlub mill-istess konvenut nomine;

Tikkunsidra;

Illi, esposti dawn il-fattijiet li fuqhom ma hemmx kwistjoni, jingħad li mentri l-attur qiegħed jinsisti għall-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni "de quo agitur", il-konvenut nomine mill-banda l-oħra qiegħed jopponi t-talba in bażi għall-fatt minnu addott li wieħed mill-fondi li kellhom jiġu kommermutati *mid-decujus minn dan l-aħħar imsemmi ġie mħolli b'legat* konġuntiv in użufrutt lil Luigi u Marianna miżżewġin Xuereb, liema legat bil-mewt ta' Luigi Xuereb qabel id-decujus għadda għand Marianna Xuereb li għadha ħajja, u kwindi bħala li d-dritt ta' dak il-legat għadda fil-patrimonju ta' l-istess Marianna Xuereb bil-mewt tat-testatur, l-eżekuzzjoni talpermuta kif kontemplata ma tistax issir, u talab li l-istess Marianna Xuereb tiġi msejħa fil-kawża—dak li sar; u meta sar, il-legatarja sostniet l-istess teżi tal-konvenut nomine;

L-attur daħal fil-kwistjoni tal-vera interpretazzjoni talkliem ta' dak il-legat, li minnhom huwa jiddeduċi l-assenza tat-teżi ta' l-eżistenza tal-legat konġuntiv bejn il-miżżewġin Xuereb, u wasal għall-konklużjoni li dak il-legat ta' użufrutt ma kienx jaffetta l-fond, l-oġġett tal-konvenzjoni tal-permuta, iżda biss jirrigwarda fondi oħra; u subordinatament issottometta illi, pur ammettendo "gratia argumenti" l-eżistenza tiegħu fuq dak il-fond, jibqa' dejjem il-fatt li n-nuda proprjetà għadha tinstab fil-massa ereditarja tad-decujus, u kwindi, analoġikament bħal fil-każi ta' bejgħ ta' ħaġa immobili, jekk wara l-kuntrattazzjoni tinstab aggravata u tkun inbiegħet bla dak il-gravami, huwa dmir tal-bejjiegħ, skond il-għażla taxxerrej li jkun għad irid iżommha, li jindennizza lil dak l-istess xerrej jekk ma jilliberahiex mill-piż jew soġġezzjoni;

Jingħad però illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi la darba l-konvenut nomine jsostni li dak il-legat "in usufrutto", issa li miet Luigi Xuereb, jistħoqq lil Marianna Xuereb martu dwar il-fond in kwistjoni, u f'dana s-sens jinterpreta l-kliem tad-dispożizzjoni testamentarja "de quo dicimus", u dina l-interpretazzjoni mhix manifestament arbitrarja, għalkemm id-

diċitura tad-dispożizzjoni hemm xi tgħid fuqha, almenu f'dina l-kawża, u per vija di eċċezzjone ma għandhiex tiġi intrattenuta. Del resto, il-vera kwistjoni legali li għandha tiġi riżoluta minn dina l-Qorti f'dina l-kawża hija jekk l-eredi, universali jew a titolu partikulari, għandhomx jew le jirrispettaw l-istipulazzjonijiet u l-promessi ta' l-awtur tagħhom, jew ta' dak, skond il-każ, li huma marbutin miegħu bħala aventi kawża, u jekk għandhom jirrispettawhom, x'jiġri fil-każ ta' l-użufrutt in diżamina, li għadda qabel l-eżekuzzjoni tal-promessa fil-legatarja, u b'hekk daħal id-dritt ta' terza persuna li jista' jkun preġudikat. Fi ftit kliem, jekk il-legatarja Xuereb, kif ammess li hija mill-konvenut nomine, bħala eredi a titolu partikulari fid-dritt tal-legat "de quo"—il-għaliex jirriżulta li l-istess għadha ma ħadetx il-pussess legali tal-legat — hijiex preferibili dwar il-pussess għall-attur fid-dritt li lilu tista' tagħti l-liġi in forza tal-konvenzjoni msemmija fuq il-fond imsemmi;

Illi, sabiex tiġi riżoluta dina l-kwistjoni, hemm bżonn li jiġi żgumbrat it-terren minn diffikultajiet preordinati, u ċjoè (1) jekk il-konvenzjoni ta' promessa permuta hiijex skond il-liġi suxxettibili ta' eżekuzzjoni; (2) jekk taħt iċ-ċirkustanzi "di diritto" u "di fatto" tal-każ in kwistjoni, in forza ta' liema prinċipji legali tista' tiġi normalment, u għandha tiġi, u minn min eżegwita; (3) x'inhu mid-dritt tal-legatarja jekk qatt dina għandha tiġi ritenuta tali, u li skond il-liġi suppost li takkwista d-dritt tagħha għall-legat mal-mewt tad-decujus, u x'azzjoni tibqa' esperibili jekk id-dritt tal-legatarja huwa aktar qawwi minn dak ta' l-attur;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-ewwel kwistjoni sollevata, dina l-Qorti hija tal-fehma soda li l-promessa "de contrahendo" in kwistjoni, la darba għandha r-rekwiżiti komuni tal-kuntratti in ġenerali (ara art. 1000, 1007 tal-Kodiċi Ċivili), u dawk partikulari mposti speċjalment mill-liġi għall-prova ta' l-eżistenza tagħha (1277 tal-Kodiċi Ċivili), l-istess għandha tobliga l-promittenti, jew sabiex jippresta dak li ppromettu in forma speċifika, jew, skond il-każi, għar-riżarċiment tad-danni. Illi huwa minnu li l-liġi titkellem biss b'mod speċjali dwar il-promessi ta' bejgħ (art. 1407 u 1410 tal-Kodiċi Ċivili), imma huwa wkoll

minnu illi l-liġi taħt it-titolu ta' partit tikkunsidra in ġenerali dak il-kuntratt bħala ta' l-istess natura ta' l-istitut tal-bejgħ (ara art. 1575 Kodiċi Civili), apparti l-elementi essenzjali li minnhom it-tpartit jiddifferixxi mill-istess bejgħ. Del resto, fl-art. 1277 (1) (a) tal-Kodiċi Civili tqiegħed, dwar l-attijiet li għandhom isiru b'att publiku jew b'kitba privata taħt piena ta' nullità, anki l-ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobili jew ta' jedd ieħor fuq dawn il-beni—dak li minnu jitnissel li taħt dawna l-kliem jidħol il-kuntratt jew konvenzjoni ta' tpartit ta' beni immobili li jkollhom ir-rekwiżiti kollha tal-kuntratti in ġenerali u jassurġu għall-wegħda "de contrahendo". Hekk infatti ġie deċiż mill-Qrati Tagħna, kif jista' jidher, biex insemmu fost każi oħra każ wieħed, fis-sentenza ta' l-Appell tas-7 ta' Mejju 1875, in re "Zammit vs. Demajo" (Kollez. Vol. VII, paġ. 401 u in partikulari paġina 405 u ta' wara); fejn intqal ukoll illi l-leġislatur semma biss il-promessa vendita l-għaliex ried, dwar din l-aħħar istituzzjoni, joħroġ xi disposti speċjali, bla ma ġie b'hekk jirrevoka d-dritt preċedenti għal kwalunkwe promessa—li għadu rikonoxxut validu anki l-lum. Ma hemmx bżonn jingħad li bejn it-twegħedija (promessa) ta' l-obligazzjoni u l-effettiv kuntratt li jsaħħaħ l-istess obligazzjoni hemm differenza kbira, u għalhekk ma għandux isir tfixkil dwar il-prova ta' l-obligazzjoni;

Illi kwindi l-promessa permuta "de quo agitur" hija soġġetta in ġenerali għall-prestazzjoni in forma speċifika; salvo li, jekk skond il-każ partikulari ma tistax tkun eżegwita, li l-istess tista' tkun konsegwenza ta' rižarċiment ta' danni kontra l-promittent li jonqos;

Tikkunsidra;

Illi jekk, kif ġie dikjarat, il-promessa permuta "de quo" hija in ġenere suxxettibili ta' eżekuzzjoni fil-każ speċifiku u taħt iċ-ċirkustanzi "di fatto" riżultati, in forza ta' liema prinċipji legali u minn min għandha tiġi eżegwita?

Illi jingħad li hija regola aċċettata fid-dritt illi s-suċċessur "in universum jus quod defunctus habuit" huwa rigwardat b'finzjoni tal-liġi bħala kieku l-istess persuna tal-mejjet — "personam ejus sustinet" — u bħala tali fih huma trasmessi

l-obligazzjonijiet kollha li huma trasmissibili, salvi l-eċċezzjonijiet kontra r-regola tat-trasmissibilità derivanti min-natura tal-prestazzjoni jew mill-volontà kuntrarja tal-kontraenti (ara Larombiere, Theorie et Pratique des Obligations, Tomo I, kumment għall-art. 1122, par. 6). Fi kliem ieħor, il-kuntratti "proprji" (dawk li bi frażi grafika jissejħu "Personalis et ossibus ejus affixa") ma humiex trasmissibili, mentri l-kuntratti "komuni" huma suġġetti għar-regola tat-trasmissjoni. Li dawna l-prinċipji huma applikati mill-liġi pożitiva jidher, filħsieb ta' dina l-Qorti, mill-art. 704 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, il-lum inkorporat fl-art. 1041 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, fejn jingħad li għandu jitqies illi wieħed wiegħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, u għal dawk illi minnu ġejjin il-jeddijiet tagħhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mill-liġi jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher xorta oħra mill-ftehim;

Illi kwindi, fuq l-iskorta ta' dawna l-prinċipji u in bażi tad-dispost tal-liġi fuq ċitat, il-promessa "de contrahendo" in kwistjoni, li skadiet "post mortem" tad-decujus, bħala li hija obligazzjoni komuni u mhux personali, hija trasmissibili fl-eredi tiegħu, u minnhom normalment dovuta għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni tagħha;

Illi qabel ma ngħaddu 'l quddiem huwa neċessarju li jingħad ukoll li l-konvenut, bħala kuratur ta' l-eredità ġjaċenti tas-Saċerdot Don Giuseppe Camilleri Xuereb, jirrappreżenta l-eredi, u bħala li l-istess konvenut assuma volontarjament irrappreżentanza, assuma l-mandat legali (ara Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol. III, paġ. 457, u Ricci, Corso di Diritto Civile, Volume XV, paġ. 156 u ta' wara, u Kassazzjoni ta' Firenze 14 ta' Frar 1874, Giurisprudenza Italiana Vol. XXVI, Parte I, paġ. 702);

Tikkunsidra;

Illi jekk dik il-promessa permuta hija eżegwibili, jibqa' li dina l-Qorti tara x'jiġri mill-legat ta' l-użufrutt li l-konvenut nomine ma jikkontestax li l-kjamata in kawża Xuereb tippretendi, jew jekk l-istess jinnewtralizzax it-talba attriċi, in kwantu jaffetta parti minn wieħed mill-fondi kompermutati, u li jifforma oġġett ta' l-istipulazzjoni "de quo agitur";

Illi sabiex tkun tista' tingħata deċiżjoni fuq dan il-punt

huwa, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, meħtieġ li jiġu studjati, fuq il-prinċipji legali li ntqalu u dawk li sejrin jiġu enunċjati, ir-relazzjonijiet u rapporti ġuridiċi tal-konvenut nomine bħala rappreżentant ta' l-eredi tad-decujus, tant fir-relazzjoni ta' l-attur, kemm ukoll fir-relazzjoni tal-legatarja;

Illi huwa fatt ġuridikament inkontrastabili li l-promessa permuta "de quo agitur", skond il-prinċipji tal-Kodiċi Tagħna, hija promessa sinallagmatika, li ma għandhiex is-saħħa ta' kuntratt bħal ma l-promessa vendita mhix vendita . In-natura tagħha titnissel mill-oġġett tagħha, u ċjoè mill-fatt li ż-żewġ partijiet li ħadu sehem fiha obligaw ruħhom lejn xulxin li jpartu l-ħwejjeġ imsemmijin fil-konvenzjoni, u bħala tali għandha aktar bħala oġġett u bħala skop il-fatt tat-tpartit ta' l-oġġetti jew ħwejjeġ bħala obligazzjoni anzikkè l-ħwejjeġ "per sè". Minn dana jitnisslu l-konsegwenzi legali li sakemm il-fatt ta' l-obligazzjoni jibqa' fl-isfera ta' mera promessa, ir-riskju tal-ħaġa—bażi tal-fatt— jibqa' għal min jinsab fil-pussess tal-ħaġa—dak li ma hux il-każ meta jkun hemm kuntratt ta' bejgħ. Konsegwenza oħra ta' dawna l-prinċipji hija li sakemm il-promessa permuta ta' immobili ma tkunx perfezzjonata mill-kuntratt notarili, f'kull wieħed mir-rispettivi promittenti jibqgħu integri d-drittijiet tal-proprjetà tal-ħaġa li tkun tifforma l-bażi tal-fatt imwiegħed, b'mod li jekk xi ħadd minn dawk il-promittenti jftiehem dwar dik l-istess ħaġa jikkuntratta in segwitu bejgħ ma' xi terza persuna li tkun in bwona fede, dina t-tieni operazzjoni, bħala li tkun perfezzjonata bil-kuntratt notarili, tipprevali fuq l-ewwel operazzjoni li tkun tinsab fl-isfera ta' sempliċi promessa, salva, s'intendi, lill-ewwel aċċettanti, l-azzjoni għad-danni u l-interessi kontra l-promittenti li jkun naqas (ara Duranton, Tomo 9, num. 92, paġ. 42, u Troplong, Della Vendita, art. 1589, parag. 130, paġ. 101, colonna seconda). Dana kollu jiri kemm il-liġi u l-leġislatur jagħtu saħħa lill-fatt tat-tradizzjoni tal-ħaġa, anki fir-relazzjoni ta' min ikun dwar din il-ħaġa pproġetta b'mod legali akkwist b'wieħed mill-modi li trid l-istess liġi;

Illi kwindi, għal dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet ta' l-attur mal-konvenut nomine, għandna li l-promessa permuta "de quo" għandha effett ġuridiku, u hija "per sè" soġġetta għall-eżekuzzjoni, li l-istess tista' tiġi nfurzata kontra l-eredi

tad-decujus, u l-konvenut nomine, bħala rappreżentanti l-eredi, in forza tat-trasmissibilità ta' l-obligazzjonijiet ta' l-awtur tagħhom filhom, u li, meta l-istess saret, il-proprjetà ta' l-oġġett tal-legat *"de quo mentionem fecimus"* kienet *fl-istess decujus*;

Tikkunsidra;

Illi mill-banda l-oħra, dwar ir-relazzjonijiet tal-legatarja jew kjamata in kawża u l-konvenut nomine, jingħad li hija, bħala legatarja ta' l-użufrutt li ssemma, mal-mewt tad-decujus akkwistat id-dritt għall-konsegwiment tal-legat, li daħal fil-patrimonju tagħha (ara art. 758 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta), u bħala li hija akkwistat dak id-dritt, hija għandha d-dritt konsegwenzjali li titlob lill-eredi jew skond il-każ lill-kuratur *ta' l-eredità ġjaċenti*, li dak l-istess legat jiġi lilha rilaxxjat. Ma hemmx bżonn jingħad fuq liema awtorità dana huwa hekk, *apparti l-liġi pożitiva, il-għaliex* huwa paċifiku li l-proprjetà tal-ħwejjeġ legati tgħaddi immedjatament u "di pieno diritto" mit-testatur lill-legatarju; imma forsi mhux ożjuż li jiġi ripetut li l-pussess legali tal-werrieta, jew ta' xi legatarju universali, li jibqa' għandhom sakemm isir ir-rilaxx, ma jagħtihom ebda dritt ta' proprjetà tal-ħwejjeġ legati lil persuni oħra, u li dawn l-aħħar obbligati jitolbu, salvi l-eċċezzjonijiet partikulari li f'dina l-kawża ma jinteressawniex, lill-istess eredi, jew skond il-każ lill-kuratur li jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti, jew lill-legatarju universali, il-pussess ta' dik l-istess ħaġa legata (ara Sebire e Cateret, Repertorio Ragionato, voce Legato, para. 134, Vol. V, parte I, paġina 171, kolonna 2da.). Dana jfisser, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, li l-eredi li jkunu fil-pussess legali tal-ħaġa mħollija b'legat ma jistgħu jgħaddu għal ebda attijiet ta' aljenazzjoni *tal-ħaġa legata, u li l-legatarji għandhom il-fakoltà li jeżerċitaw* kontra t-terzi possessuri tal-ħaġa legata l-azzjoni ta' rivendikazzjoni—azzjoni li trid issir kontra t-terzi, imma anki fil-kontradittorju ta' l-eredi;

*Jingħad ukoll li kwalunkwe proġett ta' promessa permuta* dwar l-oġġett ta' legat "de quo", magħmul mid-decujus, ma jistax jassurġi għal dik l-aljenazzjoni li minnha jista' jkun hemm l-induzzjoni tar-revoka taċita tal-legat imsemmi, skond l-art. 780 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta,

għal raġunijiet li b'dik id-dispożizzjoni l-leġislatur ried jiddirimi l-kwistjoni ta' l-intenzjoni tat-testatur bil-fatt materjali ta' l-aljenazzjoni, kif jista' jidher mill-kommentaturi ta' artikolu identiku tal-Kodiċijiet Kontinentali, Franċiż, Napoletan u Taljan, barra minn oħrajn. M'hemmux bżonn jingħad illi kieku d-decujus waqt il-ħajja tiegħu ta kors għal dik il-promessa permuta u pperfezzjonaha bl-att notarili "ad hoc", il-legat tal-kjamata in kawża kien ikun "ipso facto" kaduk u taċitament ritenut revokat; imma sakemm ma sarx, u sakemm it-testment ma ġiex revokat kif trid il-liġi, il-legat għandu jibqa' jseħħ, u l-legatarja, il-lum li ġie nieqes id-decujus, għandha l-proprjetà tiegħu, għalkemm ma għandhiex il-pussess legali tal-ħaġa li titnissel mid-dritt legat lilha;

Tikkunsidra;

Illi, stabbiliti r-rapporti ġuridiċi tal-konvenut nomine ma' l-attur u mal-legatarja, u fl-istess ħin kjamata in kawża, ngħaddu biex naraw liema rapport għandu jipprevali. Jekk l-attur għandu d-dritt jeżiġi l-eżekuzzjoni tal-konvenzjoni minn għand l-eredi tad-decujus, u li skadiet "post mortem" tad-decujus, u l-legatarja tinsab fil-proprjetà tal-legat lilha mħolli, l-eredi jew il-konvenut nomine għalihom, jekk jgħaddu għall-eżekuzzjoni tal-promessa permuta, ikunu qegħdin jiddisponu minn proprjetà li mhix il-lum tagħhom, u li tagħha huma għandhom biss il-pussess legali. Mhux preċiż li jingħad li tant l-attur kemm il-legatarja huma rispettivament aventi kawża u eredi partikulari tad-decujus; il-għaliex jekk dak li ntqal huwa minnu għall-legatarja bħala aventi kawża a titolu partikulari, ma jistax jingħad li huwa minnu għall-attur, li bil-promessa permuta kontemplata huwa għadu ma sarx la suċċessur a titolu partikulari u lanqas aventi kawża middecujus. Ta' min jikkunsidra wkoll, li mentri d-dritt tal-legatarja sar sħiħ bil-mewt tad-decujus, dak ta' l-attur, peress li għadu fl-isfera ta' sempliċi proġett, għadu ma seħħx u kien għadu kontemplazzjoni ta' operazzjoni meta miet it-testatur;

Huwa wkoll ta' min jikkunsidra illi jekk l-eredi, jew il-konvenut nomine għalih, jaċċedi għall-eżekuzzjoni tal-promessa permuta u jinjora d-dritt tal-legatarja minnha akkwistat, huwa jkun qiegħed jieħu f'idejh u jiddisponi minn ħaġa li ma għandux dritt jiddisponi minnha bħala kontinwatur tal-per-

suna tad-decujus, anki jekk jikkumpensa lill-legatarja li, bħala proprjetarja tal-legat, jekk mhux bil-kompromess, għandha d-dritt tal-ħaġa legata, u ma tistax tiġi kostretta tittrasferixxi ħaġa l-lum tagħha kontra l-volontà tagħha. Jista' jingħad li anki l-legatarja hija suċċeditriċi a titolu partikulari tad-decujus, u bħala tali, salvi ċerti distinzjonijiet li ma jinteressawx dina l-kawża, għandha, bħall-istess eredi, toqgħod għall-obligazzjonijiet ta' l-awtur tagħha imposti fuq il-ħaġa legata. Imma dan huwa minnu għad-drittijiet reali li, aktar minn għall-prinċipju espost, għall-fatt li jaqgħu fuq l-istess ħaġa, jistgħu jkunu vinkolabili, imma mhux l-istess jingħad għall-obligazzjonijiet personali. Id-drittijiet ta' l-obligazzjonijiet huwa minnu li jobligaw lill-persuna bil-beni tagħha kollha, imma d-dritt fuq il-beni, li huwa l-garanzija tad-dritt ta' l-obligazzjonijiet, mhux id-dritt fuq il-beni bħal ma huwa dritt reali li jismembra l-proprjetà, iżda huwa l-konsegwenza tal-karattru obligatorju tad-drittijiet "di obligazione", u sabiex dawna d-drittijiet jiġu nfurzati. Meta l-ħaġa, però, toħroġ mill-patrimonju tal-promittenti, ma tibqax aktar bħala garanzija tal-kreditur. Del resto, jekk nirriduċu għall-assurd il-prinċipju tat-trasmissibilità ta' l-obligazzjonijiet ta' l-awtur, in-nuqqas tal-forza tiegħu jkun jista' jidher aktar ċar. Infatti, kieku l-legatarja kellha toqgħod għall-obligazzjoni "de quo" tad-decujus fil-każ in eżami, hija tispiċċa biex ma tkunx tista' tgawdi l-użufrutt lilha mħolli fuq l-oġġett legat—dak li huwa ċertament mhux ta' min jabbraċċja—u intant il-legat ma ġiex revokat, u skond il-liġi ma għandux jiġi ritenut revokat;

Illi konsiderazzjoni oħra ta' indoli ġenerali hija li fil-permutazzjoni ta' ħwejjeġ ma tistax tiġi traskurata l-"affectio permutationis", u jekk jonqsu jew jiġu smembrati l-oġġetti kompermutati, dik l-essenza tal-kuntratt "de quo dicimus" tiġi ntakkata, u l-operazzjoni disturbata anki, bħal fil-każ in eżami, fl-essenza tagħha;

Illi kwindi l-fatt li l-proprjetà tal-legat "de quo" malmewt tad-decujus għaddiet fil-legatarja b'att pjen irrevokabili, mentri d-dritt ta' l-attur kien għadu fl-isfera ta' proġett u mhux perfett f'dik l-epoka, u l-fatt li bil-legat ġiet disturbata l-operazzjoni fl-essenza tagħha, il-konvenut nomine, għal min jidher skond il-liġi, ma jistax jiġi kostrett jeżegwixxi dik l-

konvenzjoni; salvi lill-attur id-drittijiet kollha li għandu u jista' jkollu kontra l-eredità jew l-eredi għall-fatt naxxenti mill-konvenzjoni li ma setgħetx isseħħ għall-fattijiet li għidna:

Illi fl-aħħarnett jingħad li l-prinċipji "nemo liberalis nisi liberatus" u "legata non debentur nisi deducto aere alieno", fil-ħsieb tal-Qorti, ma għandhomx x'jaqsmu xejn mal-każ ta' l-obligazzjoni speċifika in kwistjoni, għal raġunijiet wisq evidenti li ma hemmx bżonn li jissemmew;

Illi d-diffikultà fis-soluzzjoni tal-meritu tissuġġerixxi temperament fl-ispejjeż;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, riżervata lill-attur kwalunkwe azzjoni li għandu jew jista' jkollu kontra min u skond il-liġi. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, dritt tar-Reġistru għall-attur.